



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.1.2014
COM(2014) 40 final

ANNEX 1

ANNESSI

Informazzjoni tal-investitur dwar SFT u strutturi oħra ta' finanzjament li daħlu għalihom l-UCITS u l-AIF.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
dwar ir-rapportar u t-trasparenza ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli**

ANNESI

Taqsim A – Informazzjoni li għandha tingħata fir-rapporti ta' kull sitt xhur u f'dawk annwali tal-UCITS u fir-rapport annwali tal-AIF.

Dejta globali:

- L-ammont ta' titoli u komoditajiet b'self bħala proporzjon tat-total tal-assi li jissellfu.
- L-ammont ta' assi involuti f'kull tip ta' SFT u kull struttura ta' finanzjament oħra espressi bħala ammont assolut u bħala proporzjon tal-assi tal-fond taħt ġestjoni (AUM)

Dejta ta' Konċentrazzjoni:

- L-ewwel 10 titoli kollaterali u komoditajiet riċevuti għal kull emittent fir-rigward tat-tipi kollha ta' SFT u struttura oħra ta' finanzjament
- L-ewwel 10 kontropartijiet ta' kull tip ta' SFT separata u struttura ta' finanzjament oħra

Dejta ta' tranżazzjoni aggregata għal kull tip ta' SFT separatament u strutturi oħra ta' finanzjament – ikunu maqsuma skont il-kategoriji ta' hawn taħt:

- It-tip u l-kwalità ta' kollateral;
- Perjodu ta' maturità tal-kollateral maqsum fit-taqsimiet ta' maturità li ġejjin: anqas minn ġurnata, ġurnata sa ġimgħa, ġimgħa sa xahar, xahar sa tliet xhur, tliet xhur sa sena, aktar minn sena, maturità bla żmien;
- Valuta tal-kollateral;
- Perjodu ta' maturità maqsum fit-taqsimiet ta' maturità li ġejjin: anqas minn ġurnata, ġurnata sa ġimgħa, ġimgħa sa xahar, xahar sa tliet xhur, tliet xhur sa sena, aktar minn sena, tranżazzjonijiet bla żmien;
- L-Istat tad-domiċilju tal-kontropartijiet;
- Riżoluzzjoni u kompensazzjoni, (pereżempju tliet partijiet, Kontroparti Ċentrali, bilaterali).

Dejta dwar l-użu mill-ġdid u r-riipotekkazzjoni ta' kollateral fi flus kontanti:

- Sehem ta' kollateral irċevut li jintuża mill-ġdid jew huwa riipotekkazzjonat, meta mqabbel mal-ammont massimu speċifikati fil-prospett jew fl-iżvelar lil investituri;
- Informazzjoni dwar kwalunkwe restrizzjoni fuq it-tip ta' titoli u prodotti soġġetti għal riipotekkazzjoni jew użu mill-ġdid;
- Ir-redditu tal-investment mill-ġdid tal-kollateral fi flus għall-fond.

Is-salvagwardja ta' kollateral irċevut mill-fond bħala parti mill-SFT jew minn struttura ta' finanzjament oħra

Numru ta' kustodji u l-ammont ta' assi kollaterali salvagwardjati minn kull wieħed minnhom.

Is-salvagwardja ta' kollateral mogħti mill-fond bħala parti minn SFR jew struttura ta' finanzjament oħra

Il-proporzjon ta' kollateral miżmum jew f'kontijiet segregati jew f'kontijiet akkomunati, jew fi kwalunkwe kontijiet oħra

Dejta dwar ir-ritorn u l-ispiża għal kull tip ta' SFT u kull tip ta' struttura ta' finanzjament oħra mqassma bejn il-fond, il-maniġer tal-fondi u l-aġent mutwanti f'termini assoluti u bħala perċentwali tad-dħul ġenerali ġġenerat minn dak it-tip ta' SFT u tip ta' struttura ta' finanzjament oħra

Taqsim B – Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fi prospett tal-UCITS u l-iżvelar lill-investituri tal-AIF:

- Deskrizzjoni ġenerali tal-SFT u struttura ta' finanzjament oħra użati mill-fond u r-raġuni għall-użu tagħhom
- Id-dejta ġenerali li trid tiġi rrapportata għal kull tip ta' SFT u kull tip ta' struttura ta' finanzjament oħra
 - Tipi ta' assi li jistgħu jkunu soġġetti għalihom
 - Proporzjon massimu ta' AUM li jistgħu jkunu soġġetti għalihom
 - Proporzjon mistenni ta' AUM li se jkun suġġett għal kull wieħed minnhom
- Kriterji użati għall-għażla tal-kontropartijiet (inkluż l-istatus legali, il-pajjiż ta' oriġini, il-klassifikazzjoni minima tal-kreditu)
- Kollateral aċċettabbli: deskrizzjoni ta' kollateral aċċettabbli fejn jidħlu t-tipi ta' assi, l-emittent, il-maturità, il-likwidità kif ukoll id-diversifikazzjoni tal-kollateral u l-politiki ta' korrelazzjoni;
- Valutazzjoni tal-kollateral: deskrizzjoni tal-metodoloġija ta' valutazzjoni tal-kollateral użata u r-raġuni għaliha, u jekk jintużawx rivalutazzjoni ta' kuljum u marġni ta' varjazzjoni ta' kuljum.
- Deskrizzjoni tar-riskji: deskrizzjoni tar-riskji marbuta ma' SFT u strutturi oħra ta' finanzjament, kif ukoll ir-riskji marbuta mal-immaniġġjar tal-kollateral, bħal operattivi, likwidità, kontroparti, kustodja u riskji legali.
- Speċifikazzjoni ta' kif l-assi mislufa u l-kollateral irċevut huma salvagwardjati (kustodju tal-fondi)
- Il-politika dwar il-qsim tar-redditu ġġenerat minn SFT u strutturi finanzjarji oħra: deskrizzjoni tal-propożizzjonijiet tad-dħul iġġenerat minnhom li huma rritornati fil-fond, lill-maniġer jew miżmuma minn partijiet terzi (pereżempju l-aġent mutwant).